CURIA ARCHIEPISCOPALIS
MELITENSIS

Għeżież ħuti fis-saċerdozju,

Xtaqt li niktbilkom personalment biex minn qalbi nirringrazzjakom għall-għajnuna li dejjem tajtuni matul dawn is-snin li servejt bħala l-Isqof tagħkom.

Jiddispjaċini li kelli nieħu d-deċiżjoni li nitlob lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku biex nirreżenja mit-tmexxija tal-Arċidjoċesi ta' Malta, imma dan għamiltu b'kuxjenza safja għall-ġid tal-Knisja, li lilha dejjem ħabbejt u għalija tajt ħajti.

Nieħu din l-okkażjoni biex nitlob maħfra jekk weġġgħajt lil xi ħadd minnkom, imma nixtieqkom tagħrfu li l-intenzjoni tiegħi dejjem kienet li nkun ta' ġid u ta' servizz għal kull wieħed minnkom.

Jien inwiegħed ubbidjenza sħiħa lejn is-suċċessur tiegħi, u ser inkompli nservi lill-Knisja f'Malta skond id-direzzjoni tiegħu.

Inħeġġiġkom biex titolbu għall-Knisja f'Malta, ħalli l-Mulej jieħu ħsiebha u jberikha. Biex inkompli naqdu lill-Poplu t'Alla bl-akbar umanità u qdusija, biex nressquh dejjem aktar qrib tar-ragħaj ewlieni Sidna Ġesù Kristu.

+ Pawlu Cremona, op

✠ Pawlu Cremona O.P. 18 ta' Ottubru, 2014

Archbishop's Curia, PO Box 29, Valletta VLT 1000
Tel: (00356) 2123 4317 Fax: (00356) 2122 3307
Email: archbishop.secretariat@maltadiocese.org Website: www.maltadiocese.org